22.06.2017

# Malta kburija bil-kisbiet tagħha matul il-Presidenza – il-Ministru Scicluna

*Il-Ministru għall-Finanzi esprima l-gratitudni tiegħu lejn l-Istati Membri l-oħra u l-Parlament Ewropew għall-koperazzjoni tagħhom fit-twettiq tal-aġenda tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji matul il-Presidenza Maltija.*

Hu u jindirizza l-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON), il-Ministru għall-Finanzi, il-Prof. Edward Scicluna enfasizza l-kisbiet tal-Presidenza Maltija dwar kwistjonijiet relatati mat-tassazzjoni u miżuri ekonomiċi oħra sinifikanti għall-funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku Ewropew.

F'dik li hija tassazzjoni, Malta għamlet progress sinifikanti f'dan il-qasam sensittiv billi għaddiet leġiżlazzjonijiet importanti bħalma huma l-ATAD II u l-Mekkaniżu għas-Soluzzjoni tat-Tilwim dwar it-Tassazzjoni Doppja. Dawn il-leġiżlazzjonijiet jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tal-evażjoni tat-taxxa permezz ta' ġuriżdizzjonijiet li mhumiex tal-UE, u jiżguraw iċ-ċertezza fiskali. Barra minn hekk, sar progress ukoll fuq proposti oħra tal-VAT, prinċipalment fuq it-tnaqqis tar-rata tal-VAT fuq pubblikazzjonijiet elettroniċi u l-introduzzjoni tal-mekkaniżmu ġenerali tar-reverse charge. Sadanittant, għadhom għaddejja d-diskussjonijiet bejn il-koleġiżlaturi dwar ir-raba' direttiva kontra l-ħasil tal-flus, u l-Presidenza Maltija temmen li għad hemm il-possibiltà li dan il-faxxiklu jingħalaq qabel jispiċċa t-terminu tagħna. Il-prestazzjoni tal-Presidenza Maltija fil-Kunsill ECOFIN hija xhieda b'saħħitha tal-impenn tagħna sabiex intejbu l-governanza fiskali tal-UE mingħajr ma' titfixkel l-intraprenditorija, qal il-Ministru Scicluna.

Il-Presidenza Maltija hija kburija u sodisfatta bil-konklużjoni tal-EuVeca, tal-EuSef u tat-titolizzazzjoni, li flimkien għandhom il-potenzjal li jiżblokkaw biljuni ta' flus minn fondi ta' investiment. Dawn il-proposti jistgħu jwasslu għal tkabbir ekonomiku aktar qawwi u b'saħħtu fl-Ewropa.

Barra minn dan, il-Ministru Scicluna enfasizza l-kisbiet l-oħra li saru fil-politika fiskali, ir-riformi strutturali, l-unjoni bankarja u l-kordinazzjoni tal-politika ekonomika.

Il-Ministru għall-Finanzi esprima l-gratitudni tiegħu lejn l-Istati Membri l-oħra u l-Parlament Ewropew għall-koperazzjoni tagħhom fit-twettiq tal-aġenda tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji matul il-Presidenza Maltija.

## 22.06.2017




https://www.flickr.com/photos/eu2017mt/35313738902/in/album-72157675458927640/